MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1398/2000/1

**Rudolph Cassar**

**vs**

**Patricia Calabretta**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta’ Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lill-attur is-somma ta’ mitjen u hamsa u sebghin Liri Maltin (LM275.00.0), jew somma verjuri, rappresentanti in kwantu ghas-somma ta’ mitjen Liri Maltin, (LM200.00,0) id-danni sofferti fil-**

**vettura LAB-048 proprjeta' ta' l-attur b'konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara f'Notabile Road, Mriehel fl-4 ta' Dicembru 1998, liema incident gara unikament minhabba negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta; u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin Liri Maltin (LM75.00,0) rimbors ta' spejjez mhallsa mill-attur ghall-kiri ta' karozza b'konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata l-21 ta' Gunju, 1999, u bl-imghax legali sad-data tal-pagement effettiv;**

**3. Illi l-konvenuta giet ukoll imsejjha ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament hija ma kellha ebda htija fl-incident tat-traffiku li sehh fl-4 ta' Dicembru 1998 imsemmi fl-avviz u ghalhekk ma hix responsabbli ghal xi danni sofferti mill-attur;**

**2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-hsara kienet tant minima u certament ma tlahhaqx l-ammont mitlub lill-attur;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompiltati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-meritu tal-kawza odjerna jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Dicembru, 1998 f'Notabile Road, Birkirkara, ghall-habta tad-9.00 a.m.;**

**2. Illi l-vetturi involuti kienu dik tal-marka Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni LAB-048 misjuqa mill-attur Rudolph Cassar u dik tal-marka Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni BBH-206 misjuqa mill-konvenuta Patricia Calabretta;**

**3. Illi skond id-deposizzjoni ta' P.S. 833 Francis Seychell li mar fuq il-post ta' l-incident iz-zewg konducenti involuti tawh versjonijiet kontrastanti fejn l-attur allega li kienet il-konvenuta li dahhlet fuqu, filwaqt li l-konvenuta allegat l-oppost;**

**4. Illi l-iskizz pprezentat fl-atti mill-istess surgent filwaqt li ma jitfa l-ebda dawl fuq ir-responsabbilita' tal-konducenti involuti hi effettivament ikkontrastata mill-konvenuta li ssostni li l-iskizz ma jirriflettix l-ezattezza tal-fatti skrutinati;**

**5. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-entita' tad-danni in dizamina jirrizulta li skond id-deposizzjoni ta' l-uniku xhud okulari li m'ghandux x'jaqsam mal-partijiet u li ghalhekk din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita' l-oggettivita' tieghu, senjatament is-surgent fuq riferit, dan isostni li l-vann misjuq mill-attur kellu biss "ghafsa fuq il-mudguard tal-lemin ta' quddiem", (ara fol 16);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-attur isostni li hu kien qed isuq fuq in-naha tieghu u waqt li kien ser jikser lejn Birkirkara il-vettura tal-konvenuta dahlet fuqu;**

**Illi l-konvenuta ssostni li fil-hin ta' l-incident kienet hierga mill-mini ta' l-Imriehel fid-direzzjoni tal-Hamrun;**

**Illi l-konvenuta ssostni wkoll li hi kienet gia' rat lill-attur u mill-ewwel hadet postha fil-karreggjata esterna biex tibqa sejra fi triqitha;**

**Illi meta waslet fir-"roundabout" ta' Fleur-des-Lys il-konvenuta ssostni li waqfet biex tippermetti lit-traffiku li kien gia' qabad ir-"roundabout" jipprocedi u meta kienet ghadha wieqfa semghet "brake" u hasset il-habta meritu ta' din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi allura din il-qorti hi konfrontata b'zewg versjonijiet totalment kontrastanti li jistghu jigu emnuti;**

**Illi pero' l-versjoni tal-attur tittradixxi xi fessuri li jimmilitaw kontrih, senjatament:**

**1. Illi l-entita' tad-danni ta' l-attur ma jirrizultax li hi dik reklamata mill-istess attur;**

**2. Illi l-posizzjoni li jidhru li spiccaw il-karozzi wara l-incident ma jissosstanzjawx il-versjoni ta' l-attur;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost din il-qorti m'hix sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**